FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IS-17 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
SPETTUR SIMON GALEA
VS
MARK ANTHONY MALLIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mark Anthony Mallia talli fit-22 t'Ottubru 1998 ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija waqt li kien qed jsuq vettura b'numru tar-registrazzjoni JAJ-254 go Triq il-Kbira, Balzan b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Maryanne Agius ta' 65 sena minn Hal Balzan.

Talli f'dawn il-gzejjer fit-22 ta' Ottubru 1998 saq vettura JAJ 254 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minghajr licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta ghar-riskju ta' terzi persuni.

Talli f'dawn il-gzejjer saq l-istess vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tad-19 ta' Settembru 2001 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni b'mod specjali mix-xhieda ta' PS1043 Brian Pace (fol 18-22) jirrizulta illi Mary Anne Agius ta' 65 sena giet milquta min karozza JAJ 254 fi Triq il-Kbira Hal Balzan meta din il-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-imputat u giet mehuda l-isptar. Hija kienet ssofri minn grieh gravi, ksur tal-ghaksa u l-koxxa.

Meta l-imputat gie investigat mill-pulizija stqarr illi l-car kienet ta' missieru u li ma kellux lcenzja tas-sewqan u li kif kiser ghal Triq il-Kbira tilef il-kontroll tal-car, u li kif gibed mal-hajt inzertat kien hemm il-vittma li giet mgharsusa bejn il-car u l-bieb ta' garage (ara xhieda fol 18-22)

Illi l-car in kwistjoni tappartjeni lill-missier l-imputat (ara fol 23) u gie kkonfermat mix-xhud Farrugia tal-Licensing Office illi l-imputat fid-data tal-incident ma kellux licenzja tas-sewqan u konsegwentement l-anqas ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni (fol 23-24).

Profs Zammit Maemple a fol 26 et seq, kkonferma c-certifikati u r-rapporti rilaxxati minnu (Dok SG6 u 7 a fol 12-13).

Profs Zammit Maemple xhed illi l-vittma kienet giet ammessa fil-ward taht il-kura tieghu fit-22 ta' Ottubru 1998 u kellha multiple fracture tal-qasba tax-xellug permezz ta' external fixator billi ddahhlu tlett needles fuq u tlieta taht biex jzommu l-ghadma f'postha. Xehed illi l-pazjenta bdiet tmur il-quddiem u kellha a normal convallesance – u bdiet il-fizjoterapija.

Illi fid- 29 t'Ottubru, gimgha wara qabadha ftit depression u din giet akkurata u kompliet timxi bil-krozzi.

Illi f'daqqa wahda fit-3 ta' Novembru hassa hazin u mietet f'daqqa. Illi minkejja li tnizzlet il-cardio unit – xorta mietet.

Profs Zammit Maemple xhed illi l-opinjoni professjonali tieghu kien li l-vittma mietet bi trombosis – ambolism, kagunata minhabba li tkun immobilized ghal certu perjodu u ma jkunx qed jmexxi c-cirkolazzjoni f'saqajha u ghalhekk taghmel perjodu tkun silenzjuza, imbaghad timxi u timblokkalha il-pulmun.

Profs Zammit Maemple jghid illi dak kien kaz tipiku ta' pulary embolism li hija komplikazzjoni potenzjali ta' kwalunke pazjent ta' certu eta li jigi rikoverat go sodda ghal perjodu ta' zmien.

Illi Profs Zammit Maemple xhed illi ma setghax jinghad li l-incident kkaguna il-pulmonary ambolism li bih metet Agius direttament u qal li dan kien ikkontribwixxa.

Carmelo Agius ragel tal-vittma, xhed illi "hija ma dehritx li kienet gravi u li b'hekk ma saqsejthiex fuq l-incident" u li martu kienet qaltlu biss li kienet sejra ghand xi tabib, hasset daqqa min wara u sabet ruhha mal-art. Id-daqqa kienet ta' karozza (fol 62-63).

Hubert Agius xhed illi ommu kienet qaltlu li kienet miexja taht il-hajt u tajjarha bil-karozza – li hasset daqqa kbira u intefghet mal-art (fol 70-95).

Ikkunsidrat:-

Illi wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha prodotta hi tal-fehma illi gie sodisfacentement pprovat illi kien l-imputat bil-car nru JAJ 254 illi tajjar lil Maryanne Agius fit-22 t'Ottubru 1998 u kkagunalha griehi gravi.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex dubbju  dettat mir-raguni ghaliex ghandha tiddubita li l-mewt ta' Agius ma sehhx kagun ta' kumplikazzjoni ta' tali griehi.

Illi din il-Qorti tapprezza wkoll illi l-imputat ha l-karozza ta' missieru bla kunsens tieghu u kien qed jipprova jsuq ghalkemm ma kellux licenzja – b'konsegwenzi horox u fatali.

Illi kien tali nuqqas ta' hila bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku illi sehh dan l-incident fatali.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 225, 28A tal-kap 9, Art 15 kap 65, Art 3 tal-kap 104 u tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, u tissospendieh milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmen sena.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.